**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Hamis, 21 ta' Gunju, 2001

**Numru 6**

**Avviz. numru 287/01JR**

**Dr Tanya Sammut ghan-nom u in rapprezentanza ta' Forestals (Appliances) Ltd.**

**vs**

**Paul Pace**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' April, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn erbgha u ghoxrin lira Maltija (Lm224.00), rapprezentanti bilanc ta' merkanzija mixtrija mill-konvenut minghand is-socjeta attrici u li ghalhija beda jaghmel xi pagamentik akkont;**

**Illi nonostante interpellat diversi drabi sabiex jhallas, il-konvenut baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;**

**Ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali u bl-imghax legali mid-data ta' l-imsemmija ittra ufficjali ta' l-10 ta' April, 2001 sal-pagament effettiv.**

**Ra l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.**

**Ra n-nota tas-socjeta' attrici li biha gie cedut s-sorte stante pagament pero' nzamm ferm il-kap ta' l-ispejjez. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar il-mertu jikkundanna lill-konvenut jhallas l-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' April, 2001.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**